MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 155/1998/1

Auto Sales Limited

vs

Frank’s Garage Limited

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjeta’ attriċi, wara li ppremettiet illi:

Illi s-soċjeta’ konvenuta hija debitriċi tal-attur fl-ammont ta’ sitt elef mija sitta u disgħin liri maltin u sitta u erbgħin ċenteżmi (Lm6196.46) rappreżentanti ammont dovut skond kambjalijiet skaduti hawn annessi (Dok. 1 sa 15) .

Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u skadut u l-attur nomine qiegħed jippreżenta ma’ din iċ-ċitazzjoni affidavit ġuramentat skond artiklu 167 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta (Dok A).

Illi avolja interpellati biex iħallsu dan l-ammont il-konvenuti baqgħu inadempjenti u ma ħallsu xejn.

Talbet lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddeċidi l-kawża skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.
2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' LM6196.46 dovuti in konnessjoni ma' kambjalijiet skaduti kif fuq spjegat.

Bl-ispejjeż kontra s-so ċjeta' konvenuta inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datat 8 ta' Ġunju 1998. Is-soċjeta' konvenuta hi inġunta għas-subizzjoni u bl-imgħax mid-data tal-iskadenza tal-kambjalijiet.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-soċjeta' attriċi maħlufa minn Dr. Philip Manduca.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Jannar 2009 fejn ammettiet lis-soċjeta' konvenuta tippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta li eċċepiet illi:

1. Illi l-mertu tal-kawża u ċioe' il-kambjali ġew debitament imħallsa u l-ebda ammont ieħor m'huwa dovut stante li kienet l-istess soċjeta' Auto Sales Limited li ma oneratx il-ftehim tal-istess bejgħ fis-sens li l-Mercedes 250D Long Wheelbase (numru ta' reġistrazzjoni : Y 1694) mixtrija kellha tkun tat-tip "seven seater limousine" u fil-fatt ma kenitx, kif jirriżulta mill-atti tal-kawża : Frank Refalo proprio et nomine –vs- AutoSales Limited et" (2782/99) ippreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili u ċeduta wara ftehim bejn il-partijiet fis-sens li l-pożizzjoni tal-istess vettura kienet ġiet regolariżżata;

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjeta' konvenuta debitament ġuramentata minn Frank Refalo.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Jannar 2010 fejn ordnat l-allegazzjoni ta' l-atti tal-kawża: "Frank Refalo pro et noe vs Autosales Limited et." (Cit. nru. 2782/1999) quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti ta' Malta u ċeduta fit-8 ta' Novembu 2005.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Frar 2012 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti.
Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-atti tal-kawża allegata hawn fuq imsemmija.

Ikkunsidrat:

Illi din iċ-ċitazzjoni tittratta azzjoni kambjarja dwar numu ta' kambjali li spiċċaw ġew onorati fil-kors tas-smiegħ tal-kawża, tant li baqa' pendenti biss il-kwistjoni dwar l-imgħaxijiet u l-ispejjeż tal-kawża. Huwa minnu illi l-artikolu 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13) jipprojbixxi eċċezzjonijiet li jkun personali għall-pussessur ta' kambjala, jekk dawn ma jistgħux jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja. Imma fejn il-kambjali ma jkunux ġew ġirati, bħal ma għandna fil-każ in eżami, il-qrati tagħna diversi drabi ppremettew li jiġu ppreżentati u trattati eċċezzjonijiet bħal dawn. Infatti nsibu jingħad illi: "*Billi l-kambjali oġġett ta' din l-kawża ma ġewx ġirati u baqgħu biss bejn il-partijiet li ffirmaw l-istess kambjali, il-kambjali m'għandhomx ikollhom il-karattru ta' kreditu awtonomu għax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li nħoloq bejn il-partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reċiproċi tal-istess partijiet huma rilevanti għal kull kawża li ssir għall-ħlas. Fi kliem ieħor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li ħarġu l-istess, ma tistax timxi waħedha mingħajr referenza għall-ftehim li wassal għall-ħruġ tagħha. Il-leġislatur malti ma għamilx il-kambjala bħala magna ta' estorsjoni bħalma qed jipprova jagħmilha l-attur, iżda min jitlob ħlas fuqha jkun irid jiġġustifika t-talba tiegħu, għax altrimenti tista' tkun obbligazzjoni bla kawża li ma tistax tiġi enforzata. Il-*

*kambjala hija ntiża biss biex tiffaċilita pagament, u mhux għal skop ieħor -* ***pro solvendi*** *u mhux* ***pro soluto****. Huwa biss f'każ li l-kambjala tiġi ġirata li din takkwista l-karattru awtonomu tagħha, mentri fil-konfront tal-aċċettant l-eċċezzjonijiet li jolqtu l-mertu tal-obbligazzjoni għandhom jiġu eżaminati u jinstemgħu provi li jmorru lil 'l hinn minn dak li jista' jirriżulta mill-kambjala nnifisha*." [1]

Din tidher li kienet għadha l-pożizzjoni almenu sakemm, bl-emendi introdotti bl-Att XVIII tal-2004, il-kambjali ngħataw is-saħħa ta' titolu eżekuttiv,[2] u allura tali ġurispudenza hija applikabbli wkoll għal każ in eżami, li jittratta kambjali maħruġa fid-9 ta' Gunju 1993.[3]

Is-soċjeta' konvenuta irrifjutat li tonora l-kambjali in kwistjoni, li kienu jirrappreżentaw il-bilanċ tal-prezz ta' karozza tal-marka Mercedes tat-tip *long wheel base* mixtrija mingħand is-soċjeta'attriċi.[4] Dan għaliex din il-karozza ma setgħetx tintuża għall-iskopijiet li għaliha kienet inxtrat, u ċioe bħala *chauffeur driven seven-seater limousine* billi ma setgħetx tinħarġilha liċenzja mill-awtoritajiet kompetenti. Infatti ftit wara li ġiet intavolata l-kawża preżenti s-soċjeta' konvenuta ppreżentat il-kawża hawn fuq indikata quddiem il-Prim'Awla biex tfittex għad-danni u fi sforz li tingħata din il-liċenzja. Kien biss fil-mori tas-smiegħ ta' dik il-kawża li s-soċjeta' konvenuta, hekk kif ntlaħaq ftehim ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta,[5] li wara iżjed minn ħdax-il sena ta' stennija, nħarġet din il-liċenzja.[6]

Is-soċjeta' attriċi qatt ma nnegat bħala fatt li kien hemm din il-problema sabiex il-karozza in kwistjoni tkun tista'

---

[1] Prim'Awla : J. Giordimaina vs J. Pace : 16.1.03; ara wkoll Appell : Peter Azzopardi noe. vs. Raymond Camilleri : 2.08.1994; u Prim' Awla; John Giodimaina vs Joseph Pace et : 16.01.2003 citata in extenso fin-Nota ta' l-Osservazzjonijet tas-socjeta' konvenuta; ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti fil-kompetenza Inferjuri fil-kawza : Tasika Auto Limited vs Roger Portelli et. : 31.01.07 fejn gew applikati wkoll dawn il-principji .

[2] Art. 253(e) tal-Kap.12 .

[3] Ara kambjali esebiti a fol. 6 - 20 tal-process .

[4] Ara dokoumenti esebiti bhala Dok. FR 1 sa FR. 3 a fol. 47 - 52 tal-kawza : cit. 2782/1999 hawn annessa .

[5] Ara Dok. RS 1 a fol. 219 .

[6] Ara kopja tal-log book relattiv Dok. RC a fol. 169 .

tinsaq fit-toroq ta' pajjiżna. Irriżulta wkoll li din il-karozza inħarġet mid-Dwana bħala *five-seater*, minflok bħala *seven-seater*, kif fil-fatt kienet. [7] Dan, filwaqt li mpjegat tas-soċjeta' attriċi jattribwih għal żball amministrattiv ta' xi ħadd mill-kumpanija li mela' l-formula,[8] ex-*manager* ta' l-istess kumpanija jgħid li kienu rreġistrawha bħala tali għax il-liġi dakinhar ma kienitx tippermetti l-importazzjoni ta' karozzi seven-seaters.[9] Kienet x'kienet pero' r-raġuni vera għaliex din il-karozza ngħatat deskrizzjoni ħażina ta' kemm setgħet iġġorr passiġġieri, żgur li s-soċjeta' kkonvenuta ma seta' qatt kellha ebda ħtija, għax il-kompitu biex il-karozza tiġi meħlusa mid-Dwara kien esklussivament tas-soċjeta' attriċi, li kienet importat l-istess karozza mill-esteru.

Kienet għalhekk ġustifikata s-soċjeta' konvenuta tirrifjuta li tonera l-kambjali msemmija fiċ-ċitazzjoni sakemm ma tiġix solvuta din il-problema. Għalhekk lanqas ma hija l-istess soċjeta' konvenuta tenuta tħallas l-imgħaxijiet akkumulati fuq dawn il-kambjali għaż-żmien ta' qabel ma ġiet reġistrata regolarment u ngħatat liċenzja għal din il-karozza. Ġara pero' li għalkemm din il-liċenzja finalment ingħatat fil-5 ta' Awwissu 2005,[10] is-soċjeta konvenuta għamlet id-debiti pagamenti ta' dawn il-kambjali fid-19 ta' Jannar 2009 biss.[11] Frank Refalo, ghas-socjeta' konvenuta, isostni illi fl-okkażżjoni li kien intlaħaq ftehim ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport, is-soċjeta' attriċi preżenti kienet aċċettat li ċċedi din il-kawża, bl-ispejjeż għaliha u tirrinunzja għall-imgħaxijiet. Imma dwar dan ma tressqu ebda provi, għajr għal din l-allegazzjoni, u nfatti s-soċjeta' attriċi baqgħet tinsisti għal dawn l-imgħaxijiet u spejjeż. Għalhekk, kif fuq kollox tammetti l-istess soċjeta' konvenuta fin-nota ta' Osservazzjonijiet tagħha, għandhom jiddekorru imgħaxijiet fuq dawn il-kambjali mid-data ta' meta ġiet reġistrata l-karozza in kwistjoni u ngħatat liċenzja biex tinstaq it-toroq tagħna, sakemm ġew onorati l-kambjali.

[7] Ara Dok. RS 1 a fol. 167 .
[8] Ara deposizzjoni ta' Joseph Curmi a fol.127 .
[9] Ara deposizzjoni ta' Victor Soler a fol. 131 – 132 .
[10] Ara Dokti. RS 2 a fol.168 u RC a fol.169 .
[11] Ara Dok. FR a fol. 222 .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar l-imgħaxijiet u l-kap ta' l-ispejjeż, billi tordna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi mgħaxijiet skond il-liġi fuq il-valur totali ta' Lm6196.46 ndikati fiċ-ċitazzjoni, jew aħjar illum tlettax-il elf tmien mija u tlettax-il euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (EUR13813.76) mis-sitta (6) ta' Awwissu elfejn u ħamsa (2005) sad-dsatax (19) ta' Jannar elfejn u disgħa (2009), data tal-pagament effettiv tal-kambjali mertu tal-kawża.

L-ispejjeż tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi, u peress li s-soċjeta' konvenuta ma taħti xejn għal dak li ġara, għandhom jiġu ssoportati unikament mis-soċjeta' attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------